# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru 8**

**Rikors Numru: 219/11 RGM**

**Saviour Galea**

**v.**

**Carmela Galea**

**<u>Preliminari;</u>**

Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta mis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu qed titlob lil din il-Qorti tirriforma u thassar s-sentenza, u dan billi tichad it-talbiet tal-attur u subordinatament li tbiddel l-ammont li ghandu jhallas bhala manteniment billi tordna hlas ta' somma akbar minn dik ordnata mill-ewwel Qorti kif ukoll illi tordna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha

tal-kawza.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur Saviour Galea li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi l-partijiet isseparaw personalment u legalment permess ta' kuntratt datat 26 ta' Dicembru 1985;

"2. Illi a tenur tal-artikolu tlieta (3) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-komparenti Saviour Galea obbliga ruhu illi:

> "ihallas lill-martu ghaliha u ghall-imsemmi binhom retta alimentarja ta' tnejn u tletin Lira (Lm32) fil-gimgha pagabbli kull nhar ta' Tnejn ..."

"3. Illi dan il-manteniment tul is-snin zdied sabiex jirrifletti l-gholi tal-hajja;

"4. Illi c-cirkostanzi ta' sahha tar-rikorrent tbiddlu sa mis-sena 1994 billi iddeterjoraw u huwa kellu ibiddel ix-xoghol li kellu ghal xoghol iehor; l-istat ta' sahhet r-rikorrent ser jigu ippruvati permezz ta' certifikati u rapporti medici;

"5. Illi a kawza ta' dawn c-cirkostanzi medici u l-konsegwenti tibdil fl-attivita lavorattiva tieghu, s-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrent tbiddlet drastikament tant li l-esponent ma jistax ikompli jhallas l-manteniment hekk kif patwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali u dan kif ser jigi ippruvat ahjar bi prova dokumentarja fil-mori ta' din l-kawza;

"6. Illi l-esponent ihoss li ic-cirkostanzi partikolari tieghu jaghtu lok ghal revizjoni fil-manteniment patwit u pagabbli lil intimata u ghalhekk qed jipprocedi f'din l-istanza;

"7. Illi l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

"Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

"1. Tiddikjara li c-cirkostanzi ta' sahha tal-esponent inbiddlu billi iddeterjoraw bil-konsegwenti tibdil fl-attivita lavorattiva tieghu u

ghalhekk tiddikjara li l-esponent m'ghadx ghandu l-istess introjtu u qliegh ta' meta l-partijiet iffirmaw l-kuntratt ta' seprazzjoni ta' bejniethom datat 26 ta' Dicembru 1985;

"2. Konsegwentement, tvarja billi tillikwida u tordna tnaqqis fil-manteniment pagabbli u dovuti lil intimata mill-esponent, skont il-mezzi tal-istess esponent hekk kif ser jirrizultaw fil-mori tal-kawza.

"Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Carmela Galea li taqra kif gej:-

"1. Illi l-manteniment li attwalment qieghed jithallas mir-rikorrent lill-esponenti, ghaliha u mhux ukoll ghal iben il-partijiet Gilbert li kien ghalaq it-tmintax (18)-il sena jammonta ghal sebgha u sebghin euro u tnejn u tletin centezmu (€77.32) fil-gimgha; filwaqt illi l-manteniment li kien gie pattwit skont il-kuntratt ta' separazzjoni maghmul fl-1985, sitta u ghoxrin sena ilu, kien jammonta ghal erbgha u sebghin euro (€74) fil-gimgha. L-esponenti tghid illi r-rikorrent bl-ebda ma jista' jiggustifika illi jinsab fl-impossibilita' li jkompli jhallas il-manteniment hekk pattwit.

"Illi l-esponenti tghid ukoll li kif jidher skont il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, ir-rikorrent kien iggarantixxa l-hlas tal-manteniment minnu dovut b'ipoteka specjali in rigward ta' garaxx f'Saint Andrews illi in forza ta' l-istess ftehim ta' separazzjoni kien gie jappartjeni esklusivament lir-rikorrent. Dan il-garaxx hu ta' certu kobor u ghandu valur sostanzjali. Ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrent m' humiex sostenibbli u ghandhom jigu respinti .

"Rat l-atti.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat;

"Rat in-nota tal- Agent Supretendent Sptar Mater Dei pprezentata fis-7 ta` Marzu 2012 li biha ddikjarat li qed tipprezenta kopja originali tal-file mediku ta` Saviour Galea (***Vide Fol.125 Volume 1***).

"Rat in-nota ta` Saviour Galea pprezentata fit-23 t`Ottubru 2012 li permezz taghha ipprezenta certifikat mediku ***(Vide Fol.247 Volume 2).***

"Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur u cioe' ta' ohtu Rita Galea, ta` Carmel Debono, u ta` Anna Ellul Sullivan **(*Vide Fol.269 et seq., Volume II*).**

"Rat in-nota ta` Saviour Galea presentata fis-6 ta` Dicembru 2013 (***Vide Volume*** 3 ***Fol.330***) li permezz taghha huwa pprezenta :

"1. Kopja tal-income tax returns mis-sena 1997 sas-sena 2013(Dok.SG1 sa SG 16) u cioe minn wara li tah l-attakk tal-epilepsia u kellu jieqaf mix-xoghol tieghu bhala *driving instructor* u fetah hanut, li juru li d-dhul tal-esponent naqas drastikament kif spjegat fl-istess nota.

"2. Kopja ta` rendikonti mahrugin mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali (Dok.SG17) fir-rigward tal-pensjoni kontributorja li huwa qed jircievi minn mindu lahaq l-eta pensjonabbli u cioe mis-sena 2012 `l hawn; fis-somma ta` euros 552.24 fix-xahar u dan b'kuntrast ghaz-zmien meta l-partijiet sseparaw fis-sena 1985 meta l-introjtu tal-attur kien ta' jissupera s-somma ta' LM200 il-gimgha (fol.281) u dan oltre l-*part-time* li kellu bhala barman;

"3. Kopja tal-bank statements relattivi ghall-overdraft (Dok.SG18) li l-esponenti ghandu fuq ismu, liema statements jibdew mis-sena 2008 u jaslu sat-2 ta`Lulju 2013 u li juru li fl-ahhar snin, effettivament iktar kien hemm tehid ta` flus milli depositi fl-imsemmi overdraft, tant li d-dejn dovut mill-esponenti lill-bank zdied konsiderevolment mis-somma originali, biex b`hekk illum ilahhaq is-somma ta` Euros 16,479.97 **(*Vide Fols 330,331 u 332 tal-Volume III*).**

"Rat l-Affidavit tal-konvenuta Carmela Galea ppresentat fl-10 ta` April 2014 kif ukoll kopja tas-sentenza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onorevli Mhallef Franco Depasquale fit- 13 ta` Lulju 1993 fil-kawza fl-ismijiet Carmela sive Carrie Galea vs Saviour Galea (Citaz Nru.942/92/FD) **(*Vide Fol.622 tal-Volume 4*)**

"Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

"Rat l-atti.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat;

"**<u>It-talbiet tar-rikorrent</u>:**

"Illi l-kawza odjerna tirrigwarda Art.3 tal-kuntratt ta` separazzjoni datat 26 ta` Dicembru 1965 u esebit bhala Dok.SG1 fil-lista ta` dokumenti akkompanjanti r-rikors promotur tal-attur rikorrent (***a Fol.7 Volume 1***). Dan l-artikolu jghid:

> "Ir-ragel jobbliga ruhu li jhallas lill-martu ghaliha u ghall-imsemmi binhom retta alimentari ta` tnejn u tletin lira (Lm32) fil-gimgha

> pagabbli fil-gimgha kull nhar ta` Tnejn b`effett mit- 30 ta` Dicembru ta` dina s-sena korrenti 1985. Din ir-retta alimentari ghandha tizdied b`nofs kull ammont li l-Gvern jaghti minn zmien ghal zmien ghal l-gholi tal-hajja bazata fuq il-paga minima nazzjonali"

"Ir-rikorrent f`din il-kawza qed jitlob illi l-Qorti tiddikjara ;

"(1) Illi c-cirkostanzi ta` sahha tal-esponent inbidlu billi iddeterjoraw bil-konsegwenti tibdil fl-attivita lavorattiva tieghu u ghalhekk tiddikjara illi l-esponent m`ghadx ghandu l-istess introitu u qliegh ta` meta l-partijiet iffirmaw l-kuntratt ta` separazzjoni ta` bejnithom datat 26 ta` Dicembru 1985.

"(2) Konsegwentement tvarja billi tillikwida u tordna tnaqqis fil-manteniment pagabbli u dovuti lill-intimata mill-esponent, skont il-mezzi tal-istess esponent hekk kif jirrizultaw fil-mori tal-kawza.

"**<u>Ir-risposta tal-intimata</u> :**

"Fir-risposta taghha l-intimata tghid;

"(1) Illi l-manteniment li attwalment qieghed jithallas mir-rikorrent lill-esponenti, ghaliha u mhux ukoll ghal iben il-partijiet Gilbert li kien ghalaq tmintax (18) il-sena jammonta ghal sebgha u sebghin euros u tnejn u tletin centezmu (€77.32) fil-gimgha; filwaqt illi l-manteniment li kien gie pattwit skont il-kuntratt ta` separazzjoni ippubblikat fl-1985, sitta u ghoxrin sena ilu, kien jammonta ghal erbgha u sebghin euros (€ 74) fil-gimgha. Il-konvenuta ssostni illi r-rikorrent bl-ebda mod ma jista jiggustifika illi jinsab fl-impossibilita li jkompli jhallas il-manteniment hekk pattwit.

"(2) illi l-esponenti tghid ukoll li kif jidher skont il-kuntratt ta` separazzjoni tal-partijiet, ir-rikorrent kien ggarantixxa l-hlas tal-manteniment minnu dovut b`ipoteka specjali in rigward ta` garaxx f`Saint Andrews illi in forza tal-istess ftehim ta` separazzjoni kien gie jappartjeni esklussivament lir-rikorrent. Dan il-garaxx huwa ta` certu kobor u ghandu valur sostanzjali. Ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrent mhumiex sostenibbli u ghandhom jigu respinti.

"**<u>Xhieda dwar l-mard u l-infieq f`medicini</u>**

"**<u>Tibdil fic-cirkostanzi tal-attur</u>**

"Illi fix-xhieda tieghu u cioe fl-Affidavit tar-rikorrent Saviour Galea (a Fol.270 Volume II) jistqarr illi *huwa ssepara bonarjament minn ma' martu Carmela fis-26 ta` Dicembru 1985, meta kien jahdem bhala driving instructor u kellu part-time job bhala barman u allura kellu paga tajba. Jghid ukoll illi f`Settembru 1994 waqt li kien qieghed waqt lezzjoni ma' zewg studenti tah l-ewwel attack tal-epilepsy. Dak il-hin*

*beda jirtoghod hafna u kien mal-ewwel waqaf mal-genb. Jghid li ma jiftakarx iktar x`gara ghax imbaghad kienu haduh l-Isptar u meta gie f`tieghu sab ruhu hemm. It-tobba mal-ewwel qalulu li kien qed ibati minn epilepsy u li ma setax jibqa' jsuq sakemm ma jghaddux sentejn shah minghajr ma jaghtih xi fit iehor. Huwa jkompli jghid li ma kellux ghazla ohra hlief li jghaddi x-xoghol tieghu lil bniedem iehor, li kien tellghalu xi student li kien ghad fadallu ghad-driving tests u jghid ukoll li hu kien ghamel xi zmien wieqaf, anke mill-part-time**. (Vide Volume II Fol.270 l-ewwel*** **tlett** ***paragrafi)....*** **(*omissis*)**

"*Huwa jghid ukoll illi meta beda l-mard bdew l-ispejjez tal-medicina. Minhabba l-kundizzjoni li ghandu irid jiehu medicina erba darbiet kuljum u irid imur regolarment ghand il-Professur tieghu privat. Huwa jkompli jghid illi itih attack tal-epilepsy mill-inqas tlett darbiet fix-xahar u meta jkun agitat jew inkwetat gieli tah tlett darbiet f`gurnata. Jonfoq circa €150 fix-xahar fuq medicina biss ghax l-unika medicina li jiehu bil-karta s-safra hija t-Tegnatol u li kieku mhux ghax tghinu finanzjarjament il-partner tieghu ma jkunx possibbli li jghaddi minn gurnata ghall-ohra. Apparti minn hekk ibati b`dahru, bil-cholesterol u ftit tas-snin ilu operawh f`irkopptejh u fit-2008 anke fil-colon cancer jigifieri ghamel zminijiet twal, gieli anke erba` xhur wieqaf mix-xoghol u xorta kien jara x`jaghmel biex dejjem ihallas il-manteniment avolja gieli kellu anke jissellef il-flus minghand in-nies biex jkun jista jhallsu. Id-dhul fiss tieghu hija l-pensjoni biss u cioe €544.36 fix-xahar. Huwa jghid illi llum wasal f`punt li ma jistax jibqa' jahdem izjed mhux biss ghax qed jghejja imma anke gieli qed ituh fits quddiem il-klijenti u jahsadhom. Li kieku mhux ghax il-partner tieghu tidhol ticcekkja kwazi l-hin kollu fuqu il-hanut ma jkunx possibbli li jkompli jahdem il-hanut u ma jistax jaghmel xoghol iehor ghax lanqas isuq ma jista' u kull fejn ikollu bzonn imur irid iwasslu xi hadd. (**Vide Volume II Fols.270 u 271).** Fil-kontro-ezami* r*-rikorrent jispecifika li apparti t-Tegnatol jiehu Movicid u Fybogel konnessi mal-Colon Cancer* (***Vide xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju nhar l-20 ta` Frar 2014 volume III a fol.567***)

"Illi dan gie kkonfermat mit-Tabib Ramon Tonna fejn spjega kif "*Fl-2008 kont invistajtu ghax kien qed jipporga d-demm u kont bghattu bhala konsulta ghand il-kirurgu Dennis Gatt. Kienu wrewni r-rapporti li ndikaw li kien qed ibati minn colon cancer. Ricentement fit-2012 kont irreferejtu ghal X Ray – Mammogram ghand Da Vinci ghax kien hemm bocca f`sidru". **(Vide Xhieda ta` Dr.Ramon Tonna tad-29 ta`Mejju 2012 quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-Volume II a Fols.226 u 227)***

"*Illi ghandu jigi rilevat wkoll ili dan li xehed r-rikorrent dwar l-epilepsy fil-fatt gie wkoll korroborat u sostanzjat permezz ta` certifikat mediku mahrug mill-Konsulent Dr.Norbert Vella, prezentat in atti nhar it-23 ta` Ottubru 2012 skont liema r-rikorrent ilu jsofri mill-epilepsy ghal fuq minn tmintax-il sena (**Vide Fol.247 Volume II). L-imsemmi Professur xehed anke viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju nhar it-13 ta` Novembru 2012 f`dan ir-rigward (Vide Volume II Fols.251 et***

***seq) u huwa anke esebixxa l-file mediku tal-attur li jinsab a Fol.256 et seq tal-istess Volume II (Doks. NV1 u NV2***).

"Il-Professur Vella fl-imsemmija xhieda tieghu (***Vide Volume II Fol. 252***) spjega illi meta l-attur itih attakk tal-epilepsija huwa *jintilef minn sensieh u tista tkun potenzjalment perikoluza, allura jissuggerixxi li ma jsuqx sa sena mill-ahhar accessjoni. Tal-attur hija* ***focal epilepsy*** *u kien jintilef ghal ftit sekondi. Huwa jghid ukoll li "qabel ma gie ghandi kien hemm frekwenza ta` 4 attakki fis-sena pero mis-sajf 2010 sa Jannar 2011 kellu sa 4 attakki fix-xahar. Dawn naqsu meta zied id-doza tal-medicina. Din il-kundizzjoni hija trattabbli - tigi kontrollata - mhux dejjem possibbli tasal sa "seizure freedom". Il-kundizzjoni tistringi l-persuna minn ceru attivitajiet - bhal sewqan. In kontro-ezami l-istess tabib jispjega kif l-accessjoni tista ddum sekondi sa sighat. Id-drowsiness jista' jdum sighat skont l-eta.* (***vide l–istess Volume II Fol.252***)**.**

"Illi effettivament dan gie anke konfermat minn diversi tobba. Dr.Ramon Tonna prodott mir-rikorrent fis-seduta tad-29 ta` Mejju 2012 spjega kif *"s-Sur Galea baqghu jtuh accessjonijiet regolari u llum zdiedu ...(omissis). Naf li zdiedet id-doza mill-konsulent tieghu."* **(*Vide Volume II Fol.226*)**

"Illi Anna Ellul Sullivan il-partner tal-esponent ukoll tikkonferma dan fejn fl-affidavit taghha tghid*, "As we went along l-fits saru iktar frekwenti, ghalkemm aktar mild. Meta jkun inkwetat jew agitat, ituh hafna iktar minn normal . Ilu jiehu l-medicini minn mindu tah l-ewwel attakk, u dejjem hallas ghalihom minn butu ghax ghalkemm ippruvajna napplikaw biex forsi jehodhom kollha bil-karta s-safra, ma rnexxilniex u fil-fatt l-unika wahda li jiehu bil-karta s-safra hija t-Tegnatol. Mill-bqija kollha irid jixtrihom hu, u jonfoq madwar €150 fix-xahar, apparti l-visti privati ghand il-professur li jkollu jaghmel from time to time, anke minhabba l-insurance fuq l-overdraft.*" **(*Vide Affidavit ta` Anna Ellul Sullivan ipprezentat nhar it-3 ta` Jannar 2013 li jinsab fil-Volume 2 a Fol.272*)**

"**<u>L-Eta` tar-rikorrent</u>**

"**<u>Il-Bdil fl-impieg b`konsegwenza tal-mard</u>**

"Ir-rikorrent twieled fis-17 ta` Frar 1951 u ghalhekk ghalaq 64 sena fis-17 ta` Frar 2015.

"Illi kif gie spjegat minn diversi xhieda hajjet ir-rikorrent inqalbet ta`taht fuq wara li marad. Ohtu Rita Galea fl-affidavit taghha tispjega kif "l-isptar mill-ewwel kienu qalulu li ma kienx jista jsuq u fil-fatt kemm il-darba wassalnih fejn kien ikollu bzonn imur, jien u l-gharus tieghi; .....(omissis)

"Kellu jieqaf mix-xoghol tieghu bhala driving instructor u anke mill-*part time* tieghu bhala barman." (***Vide Affidavit ta` Rita Galeaipprezentat nhar it-3 ta` Jannar 2013 li jinsab a Fol.275 fil-Volume II***)

"F`dokument iprezentat seduta stante minn Dr.Norbert Vella ***(u ezebit a Fol.256 tal-process Volume II***) jirrizulta li l-esponent inghata ordni li huwa jista' jsuq biss jekk fi zmien sentejn ma jtih ebda attack ta` *epilepsy*. Effettivament rappresentanta tal-Mater Dei ipprezentat il-file mediku ta` Saviour Galea u mill-istess dokumentazzjoni jirrizulta li s-Sur Galea wara li gie rikoverat l-ewwel darba minhabba l-epilepsy gie operat diversi drabi (***Vide Fol.230 tal-process Volume II)***

"Rita Galea fl-affidavit taghha tkompli tghid kif wara li ghamel xi zmien wieqaf, ma jahdimx Saviour *"kien ha b`kirja hanut li hemm zewg bibien `l isfel mid-dar tieghu. Minn mindu marad, hija ma baqax ta` wahdu; filfatt avolja l-hanut qieghed zewg bibien `l isfel mid-dar tieghu, il-partner tieghu l-hin kollu tmur ticcekkja fuqu biex tara li ma tahx xi attakk."* (omissis)

"L-istess Rita Galea fl-affidavit taghha tkompli tghid *"Kull meta ncempillu biex nara kif inhu dejjem jghidli li nkwetat u jghidli li donnu qed jiftah il-hanut ghall-arja ghax m`ghandux business, specjalment minn mindu bdew jibnu u iktar tard infetah The Point. F`dan l-ahhar snin iktar qed jaghnel telf milli qliegh mill-hanut, specjalment ghax gieli tah attakki anke quddiem in-nies. Gieli qalli wkoll li huwa jhoss li huwa qed jezisti mhux jghix."* **(*Vide Fols.275,276 Volume II***)

"Carmel Debono, li jigi l-gharus ta` oht ir-rikorrent Saviour Galea, jghid fl-affidavit tieghu *li issa ilu jafu seba`xhur. Huwa jghid li jkun ta` spiss il-hanut ta` Saviour ghax mhux ta` wahdu u gieli tawh attakki tal-epilepsy quddiem min jidhol jixtri.*

"*Peress illi ma jistax isuq minhabba li jbati minn din il-kundizzjoni kull meta jkollu l-Qorti jew ikollu bzonn imur x`imkien, niehdu hsieb u nwassluh jien u ohtu biex il-partner tieghu tkun tista zzommlu l-hanut miftuh. Huwa jkompli jghid illi l-hanut li ghandu Saviour huwa kwiet hafna ghax meta jidhol xi hadd jidhol ghall-affarijiet zghar bhal xi bolla jew gazzetta, igifieri x-xoghol mejjet.*

"*Infatti Saviour ilu hafna bil-hsieb li jghalqu l-hanut ghax bejn il-kirja l-ispejjez u x-xiri tal-istock qed jaghmel t-telf. Il-problema tieghu u r-raguni ghalfejn ma jghalqux hi li ma jafx x`se jaghmel jekk jghalqu biex ihallas il-manteniment lill-mara tieghu.* (***Vide Affidavit ta` Carmel Debono a Fol.274 Volume II***)

"L-istess Anna Ellul Sullivan tispjega kif *"Issa wasal biex jirtira; Salvu m`ghadux bniedem li jista joqghod wahdu; matul il-gurnata l-hin kollu gejja u sejra l-hanut biex nara li kollox f`postu ghax mhux l-ewwel darba li taghtu fit tal-epilepsy quddiem xi klijent. Apparti li minhabba l-problema li ghandu f`dahru, wara certu hin jibda jghejja u l-fatt li l-hanut*

*mhux jirrendilu. Il-buisiness mejjet. L-unika raguni ghalfejn ghadu m`ghalaqx il-hanut hu l-fatt li hu dejjem jinkwieta fuq il-manteniment u l-overdraft li b`xi mod irid jithallas.”* (***vide Affidavit ta` Anna Ellul Sullivan tat- 3 ta` Jannar 2013 li jinsab a Fol.272 Volume II)***

“**<u>KONSIDERAZZJONIET DWAR ID-DHUL U L-INFIEQ TAR-RIKORRENT U S-SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-INTIMATA CARMELA GALEA</u>**

“Illi permezz ta` nota l-attur ta rendikont tad-dhul tieghu meta sseparа u tad-dhul tieghu wara li marad. (***Vide Volume 3 Fol.330)***

“Illi jirrizulta mill-atti tas-Sekond Awla ezebiti u dik tal-kawza numru 942/1992 li meta gie likwidat il-manteniment (1) mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili (2) pattwit fil-kuntratt u (3) rivedut bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili l-intimat kellu dhul ta` cirka LM200 fil-gimgha; illum il-gurnata jirrizulta illi r-rikorrent jippercepixxi s-somma ta` €555.24 fix-xahar, f`pensjoni kontributorja, minn mindu lahaq l-eta’ tal-irtir u cioe mis-sena 2012 `l hawn; ***(vide Fol.332 u Fol.442 et seq fil-Volume 4)*** kif ukoll id-dhul tieghu mill-hanut li jiggestixxi. L-attur jikkontendi illi d-dhul tieghu minn dan il-hanut huwa rifless fl-income tax returns li huwa pprezenta. Skont dawn id-dokumenti id-**dhul net annwali** tal-konvenut minn dan il-hanut huwa ta’ €10,502 fis-sena 2010 (fol. 424); €10,847 fis-sena 2011; u €8,503 fis-sena 2012.

“Irrizulta wkoll illi l-attur ghandu spiza mensili ta’ circa €150 f`medicinali u dana oltre, spejjez ta` visti mal-professuri u konsulenti tieghu u l-infieq ghall-hajja ta` kuljum. In kontro-ezami Anna Ellul Sullivan il-partner ta` Saviour Galea tghid li tiehu hsieb kollox hi mill-introitu taghha. “*Gieli tajtu ghotjiet ta` flus anke ghal medicina. Jiena nghid li hu m`ghandux minn fejn jghini. Huwa jiena li nahdem.”* (***Vide Volume 4 Fol.615)***

“Illi ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-istat finanzjarju tal-intimata Carmela Galea fis-seduta tal-4 ta` Gunju 2014 in kontro-ezami hija tghid *“nghid li fl-1985 (meta l-partijiet sseparaw) kelli 34 sena. Le qatt ma h*dimt, *qatt ma fittixt jew irregistrajt ghax-xoghol.”* (Vide Volume 4 fol. 629).

“Illi l-intimata in subizzjoni tispjega wkoll illi hija rabbiet tifla ta` ragel milqut bil-vizzju tax-xorb bl-isem ta` Mccloud minn mindu l-istess kellha erba`snin u li ghalkemm ghamlet xi zmien tircievi xi flus minn missier din it-tifla *“kont waqqaft il-flus li kien itini ghax ma ridtx ikolli* x`*naqsam mieghu (..omissis) Ic-children`s allowances kienu jmorru fil-bank dirett taghha.”****(Vide Fol.292 Volume II)***

“Illi r-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta Socjali Saviour Theuma jghid u jesebixxi Dok. ST2 li juri li mis-6 t`Awwissu 2011 l-intimata qieghda tippercepixxi s-somma ta` Euros 31.45 fil-gimgha u Euros 4.57

fil-gimgha u energy benefit li jammontaw ghal Euros 144.07 kull erba` gimghat. (***Vide Fol.290 volume 2)***

"Illi l-intimata Carmela Galea fix-xhieda taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-25 t`April 2013 ( fol. 281) xehdet li fil-prezent tircevi minghand l-attur is-somma ta' €78.87 fil-gimgha (€315.48 kull erba` gimghat) u dan fit-termini ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Lulju 1993 li ddecidiet kemm mill-ammont globali ta' manteniment ghall-omm u ghal binha pattwit fuq il-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fis-26 ta Dicembru 1985 kien jappartjeni lill-mara stante li l-iben kien sar maggorenni.

"Illi fix-xhieda taghha in subizzjoni tal-5 ta` Lulju 2013 hija ssemmi l-propjeta fuq isimha konsistenti f`garaxx go Marsaskala ***(Vide Fol.319 Volume II)***. Hija tkompli tghid li dwar il-propjeta ta` Hal Saflieni din hija t`ommi. (omissis) Dwar il-propjeta li nghatat fis-separazzjoni il-konvenuta kienet beghhitha fis-sena 1987***. (Vide Fol.319 Volume II)***

"Fix-xhieda tal-4 ta` Gunju 2014 hija tghid "fil-kuntratt kont gejt assenjata propjeta s-Swieqi, din kont bieghejtha xi LM8500 u bihom xtrajt xi ghamara apparti li hallast LM350 lil Frank Salt. Bil-flus li kelli xtrajt mar-ragel t`ohti bicca art Marsaskala. Bnejna garaxx wiehed biss. Kienet plot ta` tlett qasab normali. Qsamna dan il-garaxx min-nofs peress li ulied ohti li mietet fin-1994 riedu sehemhom. L-arja mhix taghna, konna beghniha u giet zviluppata.Hemm hames sulari (ommissis...) l-arja inbieghet LM6000 u hadt LM3000 (***Vide Fols.629 u 630 Volume 4)***

"Illi fis-seduta tal-5 ta` Gunju 2013 l-intimata Carmela Galea tghid li minn dakinhar tas-sentenza huwa qatt ma naqas li jibghatilha cheques. Tghid ukoll li gieli dawn ic-cheques ma sarrafhomx malli tircevihom izda gieli tmur issarraf erba' f'daqqa. ***(Vide Fol.292 Volume II)***

"**<u>KONSIDERAZZJONIJIET RIGWARDANTI T-TIENI ECCEZZJONI TAL-INTIMATA CARMELA GALEA</u>**

"Illi l-intimata fit-tieni eccezzjoni taghha teccepixxi li kif jirrizulta mill-kuntratt ta` separazzjoni tal-partijiet, ir-rikorrent kien ggarantixxa l-hlas tal-manteniment minnu dovut b`ipoteka specjali fuq garaxx f`Saint Andrews illi in forza tal-istess ftehim ta` separazzjoni kien gie jappartjeni esklussivament lir-rikorrent. Dan il-garaxx huwa ta` certu kobor u ghandu valur sostanzjali. Ghalhekk il-konvenuta ssostni li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti.

"Illi f`dan ir-rigward ikun opportun illi jigi ezaminat x`jghid ezattament il-kuntratt ta` separazzjoni tas- 26 ta` Dicembru 1985 fejn qed tissemma din l-ipoteka specjali : "B`kawtela tal-pagament *puntwali* tal-manteniment minnu dovut skont il-prezenti kuntratt ir-ragel jipoteka b`mod specjali a favur tal-mara li taccetta l-garage sottopost ghall-propjeta tal-mara Saint Andrews limiti ta` San Giljan fi triq gdida

minghajr isem bla numru jismu "Road Runner" u konfinanti mill-Punent ……………."

"Jirrizulta ghalhekk illi l-ipoteka specjali de quo giet kostitwita in kawtela u ghall-eventwalita' li r-rikorrent ma jkunx puntwali fil-hlas tal-manteniment dovut skont il-kuntratt. Il-konvenuta kkonfermat li l-attur dejjem kien puntwali fil-hlas tal-manteniment dovut lilha: *"Minn dakinhar tas-sentenza qatt ma naqas li jibghatli cheques."* ***(Vide Volume II Fol.292)***

"L-intimata tikkonferma wkoll illi l-attur kien talabha tnehhilu l-ipoteka specjali li hija kellha fuq dan il-garage in kwistjoni (Vide Affidavit tal-intimata Volume 4 Fol.620). Fis-seduta tat-22 ta`Jannar 2014 l-attur in kontro-ezami jghid "*Naqbel li jien ghamilt ipoteka ta` garaxx sabiex jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-manteniment futur." …………..Fit-2008 ridt nehles mill-ipoteka tal-garage sabiex inbieghu. Naqbel li dan il-garage qed jaghmel tajjeb ghall-overdraft".* ***(Vide Volume III Fol.555 u 556***).

"Ikkunsidrat;

"Fil-fehma tal-Qorti l-eccezzjoni in dizamina tal-konvenuta ma hiex fondata. L-ipoteka specjali in dizamina kienet introdotta sabiex il-manteniment pattwit u kjarifikat eventwalment b'sentenza tal-Qorti jigi mhallas. Ma tistax pero' tigi kkonsidrata bhala mezz kif taghmel tajjeb ghall-hlas tal-manteniment fl-eventwalita' li l-attur jonqoslu d-dhul kif qed jallega f'din il-kawza.

"**Artikolu 20 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

"(1). Fl-istharriga sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xort'ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.

"(2) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghallmanteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.

\- omissis -

"(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust."

“Isegwi ghalhekk illi l-valur tal-immobbli imsemmi ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk l-attur jistax ikompli jhallas il-manteniment lill-martu kif pattwit.

“Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi din l-eccezzjoni ma hiex fondata u timmerita li tigi respinta.

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob illi l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-bdil fic-cirkostanzi li kien hemm mill-1985, is-sena li fih gie ppubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali ta’ bejn il-partijiet, b’mod partikolari tikkonsidra il-kondizzjoni medika li zviluppat fl-attur bil-konsegwenti riduzzjoni fid-dhul tal-attur, u b’hekk tnaqqas il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta.

“In tema legali jinghad illi una volta t-talba in dizamina tikkonsisti f’talba ghal varjazzjoni ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali, il-punto di partenza fit-trattazzjoni ghandha tkun li dak pattwit f’kuntratt huwa vincolanti bejn il-partijiet, huwa ligi ghall-partijiet li addivjenew ghal tali kuntratt u ghandu japplika l-principju legal: “pacta sunt servanda”. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi tagha permezz tal-**Artikolu 992 tal-Kap 16**:-

> “***“(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
>
> “***“(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi***”.

“Kunsens bejn il-partijiet li ssir il-varjazzjoni ma hemmx. Irid jigi ghalhekk ezaminat jekk hemmx ragunijiet maghrufin mill-ligi li jistghu iwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

“**Artikolu 54 sub-inciz 9 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

> “(9) Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-qorti tista’, fuq it-talba ta’ kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-kaz.
>
> “Izda, meta tkun thallset somma globali jew tkun inghatat proprjetà b’sodisfazzjon totali tal-obbligu ta’ parti li thallas manteniment lill-parti l-ohra, ir-responsabbiltà kollha tal-ewwel parti ghall-manteniment tat-tieni parti tieqaf.
>
> “Izda meta s-somma globali tkun thallset jew il-proprjetà tkun inghatat bhala parti biss mill-imsemmi obbligu, il-qorti ghandha, meta tordna l-hlas tas-somma globali jew l-ghoti tal-proprjetà, fl-istess hin tistabbilixxi l-parti tal-manteniment li tkun hekk sodisfatta u kull tibdil li jigri wara ghandu f’dan il-kaz ikun japplika biss ghal dik il-parti li ma tkunx sodisfatta u fl-istess proporzjon ghaliha.”

"Issir referenza wkoll ghall-**Artikolu 21(1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi illi "Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa is-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-kaz."

"Fil-kaz ta' manteniment fl-ambitu ta' separazzjoni personali, kien hemm zmien fejn il-gurisprudenza nostrana kienet taghmilha prattikament impossibbli illi l-*quantum* pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali jigi b'xi mod varjat. Dik l-inflessibilita' naqset xi ftit mir-rigidita' kwazi assoluta taghha. Dan l-izvilupp gurisprudenzjonali gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015 fl-ismijiet "**John Debono vs. Carmela Debono llum Xerri**", fejn jinghad hekk:

> "Ghandu jinghad illi fir-rigward tal-manteniment illi jkun gie miftiehem bejn il-mizzewgin permezz ta' kuntratt f'separazzjoni konsenswali, il-Qrati taghna sa minn zmien Sir Adriano Dingli (Vol 9 pagna 463) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt gie konfermat diversi drabi anke per ezempju taht il-presidenza ta' Sir Arturo Mercieca fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet …... il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm opposizjoni minn wahda mill-partijet (Vol 29.1.1121).
>
> "Il-Qorti ma thossx li ghandha tissofferma iktar fit-tul fuq dan il-punt u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Grech v. Pauline Grech** deciza fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni giet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti fil-waqt li ikkoncediet li l-posizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, ukoll ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni ghal wiehed impost mill-Qorti. Ghalhekk il-Qorti qed tirrespingi dan l-ewwel aggravju u tiddikjara li dan ghandu jkun il-principju regolatorju f'kazi simili, izda minhabba li kif inghad dan il-principju ma giex applikat b'mod assolut dejjem u f'kull kaz mill-Qrati taghna se tinvestiga wkoll l-aggravji l-ohra."

"Qorti tal-Appell - **Mary Vella vs Mario Vella** - 11 ta\` Jannar 1996:-

"……….hu minnu li l-ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege' jigifieri dak determinat b\`sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu tezisti l-possibilita ta\` min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skont ma jkun il-kaz jekk jigi fi stat li ma jkunx jista jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu." Il-Qorti kompliet tiddikjara illi l-kriterji applikabbli meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-

manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie impost mill- Qorti.

"Hekk ukoll fil-kawza **Alfred Grech vs Pauline Grech** fuq citata, l-Qorti tal-Appell abbracjat il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza **Vella Utrinque** pronunzjata tmien snin qabel u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim *per via* ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' *pacta sunt servanda*. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "*ope legis*" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."

"Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament gurisprudenzjali u filwaqt li tadottah taghmel referenza ghal sentenza minnha moghtija fit-3 ta' April 2014 fl-ismijiet **Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri** fejn gew ukoll abbraccjati l-istess principji hawn adottati.

"Applikati dawn il-principji ghal kaz in dizamina jinghad illi dak li jrid jigi investigat hu jekk giex sodisfacentement pruvat illi minn meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejn il-partijiet fis-sena 1985, tletin sena ilu, kien hemm bdil notevoli fic-cirkostanzi tali li jinnecessitaw varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment.

"Gie sodisfacentement ippruvat illi f'dan iz-zmien l-attur beda jbati minn epilepsy li fi kliem il-Professur Vella tistringi l-persuna minn certu attivitajiet bhal sewqan u li skont diversi tobba r-rikorrent baqghu jtuh accessjonijiet regolari u llum zdidulu. Inoltre r-rikorrent ghandu wkoll il-colon cancer u sarulu wkoll diversi operazzjonijiet.

"Illi mix-xhieda jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kellu jieqaf mix-xoghol tieghu bhala *driving instructor* u anke mill-*part-time* tieghu bhala barman. Jirrisulta wkoll illi minn meta ha b`kirja hanut li hemm zewg bibien ohra

`l isfel mid-dar tieghu u minn mindu marad ma baqax ta` wahdu u li gieli tawh attakki ta` epilepsy quddiem min jidhol jixtri minn ghandu.

“Rizultat ta’ din il-kondizzjoni medika l-attur jonfoq circa €150 fix-xahar medicini.

“Id-**dhul nett annwali** tieghu llum huwa ta’ circa **€15,715 per annum** rapprezentanti €7,215 f’pensjoni kontributorja u €8,500 circa profitt nett mill-hanut.

“Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u tenut kont il-gurisprudenza u l-ligi applikabbli, li jehtieg jigi investit ma hux jekk l-attur kellux riduzzjoni fid-dhul tieghu miz-zmien li gie ppublikat il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali izda biss li jigi investigat jekk id-dhul attwali tal-attur jippermettielux li jonora l-obbligu minnu assunt fuq il-kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali li jhallas il-quantum pattwit lill-konvenuta.

“Il-manteniment illum pagabbli lill-konvenuta mill-attur huwa ta’ **€315.48** kull erba gimghat (oltre z-zidiet skont l-indici tal-gholi tal-hajja f’dawn l-ahhar sentejn).

“Id-dhul net tal-attur huwa ta’ circa **€1,208.84** kull erba’ gimghat.

“Jekk tnaqqas il-manteniment pagabbli lill-konvenuta u l-ispejjez rikorrenti mensili medici tal-attur jibqa’ f’idejn l-attur is-somma ta’ **€743.84.**

“Fit-talbiet tieghu l-attur ma hux qed jitlob li l-manteniment jigi mwaqqaf kompletament izda li jkun hemm riduzzjoni fil-quantum pagabbli. Tenut kont li l-attur huwa llum pensjonant afflitt minn mard serju, liema cirkostanzi naqsu drastikament id-dhul tieghu, il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jezistu l-estremi sabiex issir varjazzjoni tal-quantum tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta.

“Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi l-ammont ta’ manteniment pagabbli kull erba’ gimghat lill-konvenuta ghandu jigi ridott ghas-somma ta’ €200.00 kull erba’ gimghat li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

“**Decide**.

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa’ parzjalment it-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

“1. Tiddikjara illi mill-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn il-partijiet tas-26 ta’ Dicembru 1985 kien hemm bdil fic-cirkostanzi li jaghtu lok ghall-varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta,.

> "2. Tvarja l-manteniment pattwit bejn il-partijiet billi tordna li b'effett millum il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta jkun ta' mitejn euro (€200) kull erba' gimghat li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.
>
> "Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenuta</u>**

L-aggravji tal-konvenuta in succint huma tnejn u cioe` li mil-lat fattwali ma hemmx lok ghar-riduzzjoni ordnata mill-ewwel Qorti u mil-lat legali il-manteniment pattwit bejn il-mizzewgin separati skont l-appellanti ma jistax jigi ridott minhabba l-principju 'pacta sunt servanda'.

**<u>Risposta tal-appell tal-intimata:</u>**

L-appellat wiegeb illi s-sentenza hija gusta u timmerita konferma u tat diversi ragunijiet ghal dan billi wiegeb punt punt ghat-talbiet kontenuti fir-rikors tal-appell imsemmi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

Fil-fehma ta' din il-Qorti importanti illi tigi ribadita l-pozizzjoni legali kif deciz minn din il-Qorti kif komposta fis-sentenza taghha (imsemmija *del resto* fis-sentenza appellata stess) fil-kawza fl-ismijiet **John Debono v. Carmela Debono illum Xerri** deciza fl-24 ta' April 2015;

> "Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali b li l-*kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi* kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359).** F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u *il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu.* (**Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998**) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet.
>
> "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet **General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)** intqal li *bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda.***"

Ghandu jinghad illi fir-rigward tal-manteniment illi jkun gie miftiehem bejn il-mizzewgin permezz ta' kuntratt f'separazzjoni konsenswali, il-Qrati taghna sa minn zmien **Sir Adriano Dingli** (**Vol 9 pagna 463**) dejjem irritenew illi manteniment iffissat minn kuntratt ta' separazzjoni ma jistax jigi varjat, differentement minn dak iffissat mill-Qorti. Dan il-punt gie konfermat diversi drabi anke per esempju taht il-presidenza ta' **Sir Arturo Mercieca** fis-26 ta' Ottubru 1937 fejn intqal illi *l-legislatur ried jaghti lis-separazzjoni personali konsenswali in-natura ta' veru kuntratt b'mod li l-pattijiet li jsiru fiha ma jistghux jigu mibdula minghajr il-kunsens komuni tal-partijiet ... … … il-klawsola dwar l-alimenti ma tistax tigi modifikata mill-Qorti jekk ikun hemm opposizjoni minn wahda mill-partijet* **(Vol 29.1.1121**). Il-Qorti ma thossx li ghanda tissofferma iktar

fuq dan il-punt fit-tul u taghmel biss riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Grech v. Pauline Grech** deciza fis-16 ta' April 2004 fejn din il-kwistjoni giet spjegata fit-tul. Hemmhekk il-Qorti fil-waqt li ikkoncediet li l-pozizzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward ma baqghetx daqshekk rigida, **ukoll** ikkonkludiet li hemm differenza f'dan ir-rigward bejn manteniment miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni ghal wiehed impost mill-Qorti". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Minn din is-sentenza allura johrog li huwa minnu li kien hemm kazi fejn il-qrati ezentaw lill-parti li kienet obligat ruhha li thallas il-manteniment miftiehem permezz ta' kuntratt, izda dan biss f'kazi fejn dik il-persuna kienet giet fl-impossibilita` li tkompli thallas dak l-ammont u mhux f'diffikulta` li tibqa' taghmel hekk. Il-Qorti trid allura tinvestiga jekk il-bdil tac-cirkostanzi kienx tali li wassal ghal din l-impossibbilita` u f'dan il-kaz jidhrilha li ghalkemm huwa minnu li l-appellat ma ghadux fil-pozizzjoni li kien meta ikkuntratta s-separazzjoni mal-appellanti fl-1985, din il-Qorti ma tirriskontrax l-impossibbilita` li hemm riferenza ghaliha fit-talbiet tieghu.

Dan ghaliex ghalkemm originarjament huwa ftiehem li jhallas Lm32 lil martu u ibnu, meta eventwalment fl-1992 huwa ippretenda li jhallas nofs dak l-ammont ghaliex ibnu sar maggorenni, l-appellanti istitwiet kawza biex jigi determinat l-ammont pagabbli lilha u b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (kopja taghha a fol. 622 tal-process odjern) gie deciz li

dan kellu jkun ta' Lm23.55c fil-gimgha; illum biz-zidiet indikati fil-kuntratt in kwistjoni l-manteniment pagabbli lill-appellanti sar cirka 315 euro fix-xahar. Skont l-istess sentenza appellata l-appellat illum ghandu dhul ta' aktar minn 15,000 euro fis-sena u l-ammont li jhallas bhala manteniment lill-martu issa huwa ta' cirka 4,100 euro fis-sena; zgur allura ma huwiex fl-impossibbilita` li jonora l-ftehim li dahal ghalih anke jekk huwa koncess li ghandu spejjez medici li naturalment ma kellux fl-1985 meta kien hafna izghar milli huwa llum.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza, komprizi tal-appell jithallsu wkoll mill-attur appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df